MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Awwissu, 2007

Numru 695/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**

**KONTRA**

**OMISSIS**
**GENEROSO BARBARA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Generoso Barbara ta' 28 sena, bin Nazzareno u Josephine nee' Abela, imwieled Tal-Pieta' nhar it-8 ta' Dicembru, 1978, residenti fil-fond numru 6, Triq Dun Mikiel Cassar, Zejtun, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 582778M;

Akkuzat talli:

1. Fil-perjodu ta' bejn ix-xhur ta' Marzu u April 2007, f'Marsaxlokk, ikkommetta serq ta'

diversi oggetti li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ mitt lira maltin (Lm100.00), izda inqas minn elf lira maltin (Lm1,000.00), minn go mahzen li jinsab f’Xatt is-Sajjieda, liema serq huwa kkwaklifikat bil-mezz u l-valur u li sehh ghad-dannu ta’ Emmanuel Grech;

2. U aktar talli sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

3. U kif ukoll talli fi zminijiet u cirkostanzi differenti, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom, liema oggetti misruqa gejjin minn reati ta’ serq aggravat bil-valur.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;
Wara li rat l-Artikoli 18, 261, 263, 268, 269, 270, 271, 272, 273, 274, 275, 276, 289, 49 u 50, 334, 325, u 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat f’dan l-istadju ta’ dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammmissjoni tieghu;

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Generoso Barbara hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tordna li jitqieghed taht `rdni ta’ Probation ghal zmien tlitt (3) snin, ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------